MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 443/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar id-19 ta' Awissu 2000; (Kopja tal-att taz-Zwieg Relattiv qieghed jigi mmarkat bhala Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' sentenza datata 10 ta' Ottubru 2008 (Cit Nru : 369/05 JA) (Kopja legali qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B);
4. Illi skont dik is-sentenza r-rikorrent kellu hallas €1,500 bhala manteniment darba wahda, dan il-hlas fil-fatt sar;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi huwa qieghed minn issa jipprezenta affidavit guramentat tieghu mmarkat bhala Dok FM;
7. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet;
2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registu Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Ottubru 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------